

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tieni Awla) tal-21 ta' Novembru 2013 (talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Hoge Raad der Nederlanden — il-Pajjiżi l-Baxxi) — X vs Minister van Financiën**

(Kawża C-302/12) <sup>(1)</sup>

(Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Artikolu 43 KE — Vetturi bil-mutur — Użu fi Stat Membru ta' vettura bil-mutur privata rreġistrata fi Stat Membru ieħor — Intaxxar ta' din il-vettura fl-ewwel Stat Membru meta tintuża għall-ewwel darba fin-netwerk ta' toroq nazzjonali kif ukoll fit-tieni Stat Membru meta tiġi rreġistrata — Vettura użata miċ-ċittadin ikkonċernat kemm għal finijiet privati kif ukoll sabiex imur, mill-Istat Membru ta' oriġini, lejn il-post tax-xogħol li jinsab fl-ewwel Stat Membru)

(2014/C 39/09)

Lingwa tal-kawża: l-Olandiż

### Qorti tar-rinviju

Hoge Raad der Nederlanden

### Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent(i): X

Konvenut: Minister van Financiën

### Suġġett

Talba għal deċiżjoni preliminari — Hoge Raad der Nederlanden — Interpretazzjoni tal-Artikoli 21, 45, 49 u 56 TFUE — Leġiżlazzjoni nazzjonali li timponi taxxa ta' rreġistrazzjoni matul l-ewwel użu ta' vettura fuq in-netwerk nazzjonali tat-toroq — Taxxa dovuta minn persuna li ttrissjedi f'żewġ Stati Membri, inkluż l-Istat Membru inkwistjoni, u li juża l-vettura fit-tul — Vettura rreġistrata fl-Istat Membru l-ieħor — Eżerċizzju ta' kompetenzi fiskali miż-żewġ Stati Membri

### Dispożittiv

L-Artikolu 43 KE għandu jiġi interpretat fis-sens li ma jipprekludix leġiżlazzjoni ta' Stat Membru li tissuġġetta għal taxxa, meta tintuża għall-ewwel darba fin-netwerk ta' toroq nazzjonali, vettura bil-mutur irreġistrata li diġà kienet suġġetta għal taxxa minħabba r-reġistrazzjoni tagħha fi Stat Membru ieħor, meta din il-vettura tkun intiża sabiex essenzjalment u effettivament tintuża fit-tul f'dawn iż-żewġ Stati Membri jew tkun, fil-fatt, użata b'dan il-mod, sakemm din it-taxxa ma tkunx diskriminatorja.

<sup>(1)</sup> ĠU C 287, 22.09.2012.

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Il-Ħames Awla) tat-28 ta' Novembru 2013 — Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea vs Manufacturing Support & Procurement Kala Naft Co., Tehran, Il-Kummissjoni Ewropea**

(Kawża C-348/12 P) <sup>(1)</sup>

(Appell — Miżuri restrittivi meħuda kontra r-Repubblika Iżlamika tal-Iran bil-għan li tiġi evitata l-proliferazzjoni nukleari — Miżuri kontra l-industrija taż-żejt u tal-gass Iranjan — Iffriżar ta' fondi — Obbligu ta' motivazzjoni — Obbligu li tiġi ġġustifikata l-fondatezza tal-miżura)

(2014/C 39/10)

Lingwa tal-proċedura: il-Franċiż

### Partijiet

Appellant: Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: M. Bishop u R. Liudvinaviciute-Cordeiro, aġenti)

Partijiet oħra fil-proċedura: Manufacturing Support & Procurement Kala Naft Co., Tehran (rappreżentanti: F. Esclatine u S. Perrotet, avukati), Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: M. Konstantinidis u E. Cujo, aġenti)

### Suġġett

Appell mis-sentenza tal-Qorti Ġenerali (Ir-Raba' Awla) tal-25 ta' April 2012, Manufacturing Support & Procurement Kala Naft (T-509/10), li permezz tagħha l-Qorti Ġenerali annullat, sa fejn kienet tikkonċerna lil Manufacturing Support & Procurement Kala Naft Co., Tehran, id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/413/PESK, tas-26 ta' Lulju 2010, dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran u li tħassar il-Pożizzjoni Komuni 2007/140/PESK (ĠU L 195, p. 39), ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 668/2010, tas-26 ta' Lulju 2010, li jimplementa l-Artikolu 7(2) tar-Regolament (KE) Nru 423/2007 dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran (ĠU L 335M, p. 969), id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/644/PESK, tal-25 ta' Ottubru 2010, li timmodifika d-Deċiżjoni 2010/413 (ĠU L 281, p. 81), u r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 961/2010, tal-25 ta' Ottubru 2010, dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 423/2007 (ĠU L 281, p. 1) — Politika barranija u ta' sigurtà komuni — Miżuri restrittivi kontra l-Iran bil-għan tal-prevenzjoni tal-proliferazzjoni nukleari — Lista ta' persuni, organi u entitajiet li fir-rigward tagħhom japplika l-iffriżar tal-fondi — Żbalji ta' liġi — Ammissibbiltà — Kwalità ta' organizzazzjoni governattiva tal-entità kkonċernata — Invokabbiltà tal-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali min-naħa ta' tali organizzazzjoni — Oneru tal-prova

### Dispożittiv

(1) Is-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea tal-25 ta' April 2012, Manufacturing Support & Procurement Kala Naft vs Il-Kunsill (T-509/10), hija annullata.

(2) Ir-rikors għal annullament ta' Manufacturing Support & Procurement Kala Naft Co., Tehran, huwa miċħud.